# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Gerald Anthony Magri

Illum 24 ta’ Frar, 2025

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Gerald Anthony Magri, bin Mario u Rita nee Attard imwieled fil-24/01/1990 u joqghod 175, Triq Santu Rokku, Birkirkara. ID 69490M.

Billi int akkuzat talli fl-25 ta’ April 2023 ghall-habta ta’ 10.30 hrs fi Triq il-Kullegg l-Antik, Sliema, soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni IRQ005.

1. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta` Carmela Zammit liema offiza gabet il-konsegwenzi

msemmijjin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatys  M.D. mill-M.D.H.
Kap 9 Art 226 (1) (a)

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli art 226(1) (a) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazelli ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**T-Tabib Thomas Armatys** xehed permezz ta` affidavit

**PS 1497 J Calleja** xehed permezz ta affidavit li go fih kien hemm l-istqarrija ta` George Anthony Magri li inghatat wara li inghata d-dritt li setgha jikkonsulta ma avukat u li kellu d-dritt ta` silenzju .

**Ikkunsidrat**

Illi ma hemmx l-livell ta` provi rikjest mill-kamp kriminali ta` *beyond a reasonable doubt*. L-unika prova li hemm hi l-verzjoni tal-imputat li inghatat lill-PS 1497 J Calleja wara li gie magharraf bid-drittijet tieghu fejn xehed li l-midruba ma ghaddietx minn fuq t-traffic

lights u bhekk hallqet *emergenza subitanea* li l-imputat ma kellhux l-oportunit` li jirrejagixxi ghalija .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat  l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil

Gerald Anthony Magri hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu  u tilliberah  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**